MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 587/2014

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**West Robert Thomas**
**ID 63167A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Awwissu, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet ill 'l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' elf mija u dsatax-il Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,119.25) in konnessjoni ma` Bundle Service Agreement Home Pack 42 flimkien ma' servizz ta' televisjoni 1425051961 (AC40174023).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas l-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqasipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Simone Wrightman ghas-socjeta' attrici li fil-25 ta’ Marzu, 2015 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ elf mija u dsatax-il Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,119.25) ghadu dovut.

It-Tribunal ra ‘lli ma giet ipprezentata ebda risposta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf mija u dsatax-il Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,119.25) liema ammont jithallas b’rati mensili ta’ hamsin ewro (€50) fix-xahar. L-ewwel pagament ikun fit-30 ta’ April, 2015.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza u drittijiet, jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------